MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Avviz Numru. 253/2007

**Guido Vella Limited (C13696)**

**Vs**

**Horace Azzopardi (141865M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta’ tlett elef sebgha u disghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm3,097.10) in kwantu s-somma ta' elfejn tlett mija u tletin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm2,330.93), jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti joghgobgha tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, rapprezentanti valur ta’ prodotti mibjugha u debitament kkonsenjati mis-socjeta’ rikorrenti fl-*outlet* “Black Beauty Pub” u inkwantu s-somma ta’ sebgha mija u sitta u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm766.10), jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha

tillikwida, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, ukoll rapprezentanti valur ta’ prodotti mibjugha u debitament kkonsenjati mis-socjeta’ rikorrenti f’*outlet* iehor bl-isem “Barbazone”, u dana kif kollu ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jaffettwa l-hlas relattiv, huwa baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ kull fattura, sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-intimat, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut “seduta stante” jammetti t-talbiet attrici skond kif jidher mill-verbal tal-lum stess.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef sebgha u disghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm3097.10) komplessivament bl-imghax legali mill-14 ta’ Awissu 2007 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes jithallsu mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------